



emcdda.europa.eu

# Objettiv droga

ISSN 1725-8537

Ġabra fil-qosor ta' Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

## L-użu tal-kokaina fl-Ewropa: implikazzjonijiet għall-għoti ta' servizz

Huwa stmat li 12-il miljun (3.5 %) adult Ewropew ta' l-etajiet bejn il-15 u l-64 sena ppruvaw il-kokaina, u li 4.5 miljuni (1.3 %) użawha fl-aħħar sena. B'mod ġenerali, fl-Ewropa l-provvista tal-kokaina, l-użu u l-problemi relatati magħha żdiedu fl-aħħar għaxar snin, u l-prezzijiet niżlu. Iżda din it-tendenza ġenerali taħbi varjazzjonijiet konsiderevoli bejn il-pajjiżi. Xi pajjiżi bħar-Renju Unit, Spanja u l-Italja raw żidiet konsiderevoli fl-użu tal-kokaina, waqt li oħrajn, b'mod partikolari fl-Ewropa tal-Lvant, irrappurtaw biss użu limitat ħafna.

L-użu tal-kokaina jippreżenta sfidi ġodda għas-servizzi Ewropej għall-kura tad-droga. Minkejja li s-servizzi jistgħu jagħmlu użu mill-esperjenzi miksubin waqt il-kura ta' tipi oħra ta' problemi tad-droga, il-farmakoloġija tal-kokaina, id-diversità soċjali ta' l-utenti u l-użu simultanju ta' sustanzi psikoattivi oħra jikkompikaw l-iżvilupp u l-kif għandha tkun diretta r-risposta. U kuntrarju għall-kura ta' dawk li jużaw l-opiojdi, ma hemm l-ebda sostituzzjoni effettiva li ġiet ippruvata, jew għażliet ta' kura farmakoloġika, li

bħalissa huma aċċessibbli għal dawk li jużaw il-kokaina.

Dan id-dokument jindirizza numru ta' kwistjonijiet importanti għall-għoti ta' servizzi għal dawk li jużaw il-kokaina. Kif jistgħu jintlaħqu u jkunu megħjuna l-gruppi differenti ta' utenti? X'tip ta' kura għandha tkun aċċessibbli għal dawk l-utenti li huma dipendenti fuq il-kokaina? Hemm bżonn ta' servizzi speċjalizzati ġodda, jew għandhom jiġu adattati dawk eżistenti?

### Defnizzjoni

**Il-kokaina** hija l-melħ idrokloriku estratt mill-weraq tax-xitla tal-koka (*Erythroxylon coca Lam*) li hija kkultivata l-aktar fl-Amerika ta' Isfel. Il-kokaina li tkun f'forma ta' trab tipikament tittieġed mill-imnifsejn (bit-teħid tan-nifs 'il ġewwa) u, b'mod inqas frekwenti, tiġi injettata. Din tipproduċi l-ewforija u t-tneħħi l-aptit, u għandha diversi effetti negattivi fuq is-saħħa (ara "Kwistjonijiet ta' saħħa").

**Il-Crack** hija l-forma tal-kokaina li titpejper u hija manifatturata mill-idroklorur tal-kokaina. Din hija magħrufa għall-effetti immedjati tagħha u għall-assoċjazzjoni ma' mudelli problematiċi ta' użu.

### Ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet ewlenin

- 4.5 miljuni adult Ewropew (1.3 %) is-sena l-oħra użaw il-kokaina. Fl-aħħar deċennju kien hemm żieda ġenerali fl-użu tal-kokaina, għalkemm bejn l-Istati Membri ta' l-UE, kien hemm varjazzjonijiet bejn iż-0.1 % u t-3.0 % tal-popolazzjoni.
- L-użu tal-kokaina jista' jwassal għad-dipendenza, u t-talba għal kura relatata mal-kokaina żdiedet. Problemi psikjatriċi, kardjovaskolari u problemi oħra tas-saħħa huma assoċjati ma' l-użu tal-kokaina. L-injettar tal-kokaina jgħib ir-riskju tat-trażmissjoni ta' mard li jinġarr fid-demem bħall-HIV u l-epatite C.
- Jistgħu jkunu identifikati tliet gruppi ewlenin ta' utenti li għandhom il-problema tal-kokaina: individwi li jkunu integrati sew fis-soċjetà, l-utenti ta' l-opiojdi, li wħud minnhom huma klijenti li qegħdin jużawhom bħala kura sostituttiva, u utenti tal-crack li huma emarġinati.
- Dawn il-gruppi jvarjaw fil-mudelli ta' l-użu tad-drogi, u fil-kondizzjonijiet tas-saħħa u ta' l-għajxien. Il-bżonnijiet tagħhom iwarjaw mill-aċċess għall-informazzjoni fuq ir-riskji relatati mal-kokaina għall-kura speċifika jew għall-interventi li jnaqqsu l-ħarsa.
- Ir-rispons attwali għall-problemi relatati mal-kokaina huwa l-parti l-kbira bbażat fuq is-servizzi eżistenti diretti fuq l-użu ta' l-opiojdi u l-użu tad-drogi f'ambjenti rikreattivi. Dawn is-servizzi eżistenti jistgħu jeħtieġu li jiġu addattati sabiex jilħqu l-bżonnijiet speċifiċi ta' l-utenti tal-kokaina u tal-crack.
- It-titjib jista' jinkludi: strateġiji speċifiċi għall-kokaina u għall-crack, taħriġ u riċerka fuq il-kura għad-dipendenza fuq il-kokaina; interventi sabiex jintlaħqu l-utenti, servizzi ta' kura maħluqa għal gruppi speċifiċi ta' utenti tal-kokaina u tal-crack.

## 1. Użu dejjem akbar tal-kokaina fl-Ewropa

Il-kokaina, li tiġi t-tieni biss wara l-kannabis, hija fost l-aktar drogi traffikati fid-dinja. Kien stmat li fl-2005 madwar 752 tunnellata nqabdu mad-dinja kollha u 107 tunnellati nqabdu fl-Ewropa; madwar nofs il-qabdiel fl-Ewropa saru fi Spanja. B'mod ġenerali, il-kwantitajiet maqbudin u n-numru tal-qabdiel fl-Ewropa żdiedu mill-2000 u laħqu madwar is-70,000 fl-2005. Il-prezzijiet medji tal-kokaina niżla f'ħafna mill-pajjiżi li kienu qegħdin jirrappurtaw.

Stħarriġ ġenerali tal-popolazzjoni juru żieda fl-użu tal-kokaina f'ħafna pajjiżi ta' l-UE, għalkemm jista' jkun li dan issa qiegħed jonqos f'xi Stati Membri li għandhom l-ogħla prevalenza (ir-Renju Unit, Spanja). L-użu tal-kokaina huwa iżjed komuni fost l-adulti żgħira ta' etajiet bejn il-15 u l-34 sena (Figura 1) u l-irġiel. Id-droga spiss tiġi kkunsjata flimkien ma' drogi illegali oħra u l-alkoħol.


## 2. Kwistjonijiet ta' saħħa

Intwera li l-użu tal-kokaina għandu effetti negattivi fuq is-saħħa, l-aktar fost dawk li jużawha ta' spiss. Iżda jibqa' diffiċli li wieħed jagħmel stima tal-livell tal-morbidità u tal-mortalità li huwa direttament relatat ma' l-użu tal-kokaina.

Il-kokaina u l-crack jaġixxu fuq is-sistema ta' gratifikazzjoni tal-moħħ, u l-użu ripetut jista' jwassal għad-dipendenza. Fl-UE hija t-tielet l-aktar droga li tiġi rrapportata komunement bħala r-raġuni għaliex tinbeda l-kura kontra d-droga; madwar 13 % tat-talbiet kollha għal kura saru fl-2005. Iżda hemm varjazzjonijiet konsiderevoli bejn il-pajjiżi. Fi Spanja u l-Olanda l-kokaina hija responsabbli għal 40 % u 35 % rispettivament mit-talbiet kollha għal kura, waqt li din iċ-ċifra hija 0 % fil-Finlandja u 0.1 % fil-Litwanja. In-numru ta' talbiet għal kura relatat ma' l-użu tal-kokaina żdied fis-snin reċenti, l-aktar fost dawk li jibdeu il-kura l-ewwel darba (Figura 2). Fl-2005 iżjed minn waħda minn kull ħames talbiet għall-ewwel għajjnuna (21.5 %) kienu relatati mal-kokaina.

L-użu akut u kroniku tal-kokaina, spiss flimkien ma' sustanzi oħra, jista' jikkawża għadd ta' problemi (kardjovaskolari,

Figura 1: Il-prevalenza tul is-sena l-oħra ta' l-użu tal-kokaina fost adulti żgħira (ta' etajiet bejn il-15 u l-34 sena) fl-Ewropa



Sors: Buletin statistiku ta' l-EMCDDA, figura GPS-38.

ċerebrovaskolari, newroloġiċi, psikjatriċi eċċ.). L-injettar tal-kokaina jgħib miegħu wkoll ir-riskju tat-trażmissjoni ta' mard li jinġarr fid-dem, bħall-HIV u l-epatite C. Mwiet minn overdose relatati ma' l-użu akut tal-kokaina ma jgħix irrappurtati spiss u, f'każijiet rari bħal dawn, jissemma l-ogħla grad ta' espożizzjoni. Ħafna mill-imwiet relatati mal-kokaina li jiġu rrapportati huma l-konsegwenza tat-tossiċità kronika tagħha li twassal għal komplikazzjonijiet kardjovaskolari u newroloġiċi.

## 3. Gruppi differenti ta' utenti


L-utenti tal-kokaina huma mifruxa fost gruppi soċjali differenti. Per eżempju, stħarriġ f'postijiet ta' divertiment matul il-lejl juru rati ta' prevalenza li huma minn 5 sa 20 darba ogħla fost dawk li jmorru l-klabbs meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali. Studji fuq l-utenti tal-kokaina li

ma humiex qegħdin jieħdu kura b'mod tipiku jirrappurtaw demografika ta' utenti edukati sew u li huma integrati soċjalment. Minbarra dan, studji u data dwar il-kura jagħtuna okkażjoni li niddistingwu bejn tliet profili jew gruppi differenti ta' utenti li għandhom il-problema tal-kokaina.

L-ewwel grupp juża biss il-kokaina f'forma ta' trab jew flimkien mal-kannabis u/jew l-alkoħol. Dan il-grupp huwa kompost l-aktar minn irġiel, li spiss jiġu riferuti għall-kura mis-sistema tal-ġustizzja kriminali jew taħt il-pessjoni tan-netwerks soċjali u tal-familja. Huma integrati relattivament sewwa fis-soċjetà, u jgħixu f'kundizzjonijiet ta' għajxien stabbli u għandhom xogħol regolari.

It-tieni grupp juża kemm l-opiojdi u kemm il-kokaina. Il-membri tiegħu attwalment jużaw jew kienu jużaw l-eroina u żviluppaw ukoll problemi

Figura 2: Evoluzzjoni fin-numru ta' talbiet għall-ewwel għajjnuna, bil-kokaina bħala d-droga primarja f'20 pajjiż ta' l-UE (indiċi ta' 100 fl-1999).



Sors: Data ta' l-EMCDDA tad-domanda għall-kura 20 pajjiż: inklużi BG, CZ, DK, DE, GR, ES, FR, IE, IT, HU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE, UK

relatati ma' l-użu tal-kokaina. Uħud jistgħu jkunu qegħdin jieħdu kura sostituttiva. Studji nazzjonali li jiffukaw fuq l-utenti tal-kokaina li jkunu qegħdin jirċievu l-kura jirrappurtaw li dan il-grupp spiss huwa l-akbar wieħed.

It-tielet grupp juża l-crack cocaine, spiss flimkien ma' l-opiojdi. Il-membri tiegħu spiss huma emarġinati ħafna u jistgħu jinkludu proporzjon għolja ta' membri ta' minorità etnika u nies li huma bla dar, mingħajr impjeg jew f'kondizzjonijiet ta' xogħol prekarji. Huwa l-iżgħar fost it-tliet gruppi (2.5 % tal-klijenti Ewropej kollha li qegħdin jirċievu l-kura) u għe identifikat biss fi ftit postijiet.

#### 4. Il-bżonnijiet tal-gruppi differenti ta' utenti

L-utenti tal-kokaina u tal-crack jirrappreżentaw popolazzjoni eteroġenika bi bżonnijiet speċifiċi li tista' teħtieġ servizzi maħsuba apposta għaliha. L-utenti li jużaw il-kokaina f'forma ta' trab u li huma integrati soċjalment jistgħu jkunu jeħtieġu li jiġu infurmati aħjar dwar ir-riskji relatati mal-kokaina. Jista' jkun ukoll li ma jkunux iridu jibdedw jew ikomplu l-kura fost utenti tad-droga li jkunu emarġinati u jħossu li hemm stigma assoċjata ma' l-utenti li jattendu servizzi bħal dawn.

Fost l-utenti li huma dipendenti fuq il-kokaina li huma wkoll utenti ta' l-eroina u/jew li qegħdin jużaw kura sostituttiva, l-użu kontinwu tal-kokaina jista', jekk ma jiġix indirizzat kif xieraq, ixxekkel il-programm ta' kura u mbagħad iqiegħed f'perikolu r-riżultat ġenerali tal-kura. Bl-istess mod, l-użu konġunt ta' l-alkoħol u d-diżordnijiet komorbidi psikjatriċi u tal-personalità li jiġu osservati spiss (ngħidu aħna, aggressjoni, psikosi akuta u mgħiba paranojka) fil-każ ta' klijenti li jużaw kokaina jikkostitwixxu problemi kbar ħafna għall-istaff u għal dawk li jaħdmu fil-kliniki. L-użu konġunt ta' sustanzi multipli jżid ukoll b'mod sostanzjali r-riskju ta' problemi tas-saħħa addizzjonali u r-riskju tal-mewt fost din il-popolazzjoni.

Fl-aħħarnett, il-crack cocaine spiss taffettwa popolazzjonijiet emarġinati u foqra (ngħidu aħna, persuni bla dar u dawk li jipprovdu servizzi sesswali). Dawn il-popolazzjonijiet juru varjetà wiesgħa ta'

problemi tas-saħħa u problemi soċjali, u huma diffiċli biex jintlaħqu. Dawn jistgħu jitolbu kura u appoġġ fi stadju ulterjuri tad-dipendenza tagħhom u b'hekk ikunu iżjed diffiċli biex jiġu kkurati.

#### 5. Politika u interventi

Hemm ftit ħafna strateġiji għad-droga li b'mod speċifiku jindirizzaw l-użu tal-kokaina u tal-crack cocaine, u r-Renju Unit u l-Irlanda biss implimentaw strateġiji fuq livell nazzjonali u/jew lokali. Ħafna mill-pajjiżi Ewropej jirrappurtaw li l-utenti tal-kokaina għandhom aċċess għall-informazzjoni fuq il-kokaina u r-riskji ta' l-użu tal-kokaina permezz ta' sorsi differenti bħal websajts, linji telefoniċi għall-għajnuna u interventi f'postijiet ta' divertiment matul il-lejl. F'xi bliet, l-aktar f'dawk fejn isir użu sinifikanti mill-crack cocaine, l-aġenziji għat-tnaqqis tal-ħsara jipprovdu wkoll interventi sabiex jintlaħqu l-utenti tad-droga.

Bħalissa l-parti l-kbira tal-kura tal-kokaina rrappurtata fl-Ewropa ssir f'ambjent ta' outpatients li huwa primarjament orjentat għall-ħtiġijiet ta' l-utenti ta' l-opiojdi. Iżda utenti tal-kokaina li huma integrati fis-soċjetà x'aktarx li jfittxu l-għajnuna permezz ta' fornituri oħra tal-kura tas-saħħa, bħat-tobba tal-familja jew kliniki privati. Hemm interess dejjem jikber fil-każ ta' pajjiżi b'popolazzjonijiet sinifikanti li jużaw il-kokaina sabiex jiprovdu servizzi maħsuba b'mod speċifiku għal dawk li jużaw il-kokaina.

Studju reċenti tal-letteratura dwar il-kura tad-dipendenza mill-kokaina magħmul mill-EMCDDA sab li s'issa għad m'hemm l-ebda aġent terapewtiku farmakoloġiku effettiv li huwa aċċessibbli, iżda provi sperimentali reċenti (ngħidu aħna, Topiramate, vaċċini kontra l-kokaina) taw riżultati inizjali promettenti. Interventi ta' mgħiba konjittiva bħat-Terapija ta' Mgħiba Konjittiva, Intervisti li jkabbru l-motivazzjoni u l-istrateġija għar-Rinfurzar tal-Komunità, xi drabi flimkien mal-Maniġment tal-Kontinġenzi (ngħidu aħna, inċentivi bbażati fuq kupuni), intwerew li huma effettivi l-aktar għat-tnaqqis u l-prevenzjoni ta' l-użu tal-kokaina fil-ġejjieni. Iżda billi dawn l-istrateġiji u r-riċerka dwar l-effettività tagħhom ġejjin kważi kollha mill-Istati Uniti, teħtieġ

b'mod urġenti riċerka dwar it-trasferibilità tagħhom fl-Ewropa.

#### 6. It-triq 'il quddiem

Fuq livell politiku, għandhom jiġu żviluppata strateġiji għal servizzi għall-kokaina jew għall-crack cocaine biss meta l-entità tal-problema tkun teħtieġ twegħiba uniformi u intensiva, ngħidu aħna f'xi pajjiżi u bliet Ewropej. Minbarra lokalitajiet bħal dawn, il-politika kontra d-droga għandha tindirizza d-diversità dejjem tikber tal-mudelli ta' l-użu tad-drogi u tal-bżonnijiet ta' l-utenti li għandhom il-problema tad-droga.

Il-kura mid-dipendenza fuq il-kokaina tistrieħ l-aktar fuq interventi psikosoċjali, u ħafna persuni li jaħdmu fil-kliniki jużaw l-aġenti farmakoloġiċi bħala sostenn. Iżda s'issa ma jidher li hemm l-ebda aġent farmakoloġiku effettiv li jikkontrolla l-astinenza mill-kokaina u jnaqqas il-leblieba għaliha. Għalhekk ir-riċerka u t-taħriġ fl-interventi psikosoċjali għandhom jingħataw l-ogħla prijorità. L-iskambju ta' esperjenzi u ta' l-aħjar Prattika fost dawk li jaħdmu fil-kliniki għandhom jiġu mħeġġa. Ir-riċerka fuq l-aġenti farmaċewtiċi għandha wkoll tingħata appoġġ u r-riżultati jkunu aċċessibbli malajr, kemm dawk pożittivi u kemm dawk negattivi. Fl-aħħarnett, l-utenti tal-kokaina li jkunu qegħdin jagħmlu kura sostituttiva għall-opiojdi għandhom jiġu evalwati sabiex jiġi żgurat li l-użu li jagħmlu mill-kokaina ma jkunx konness ma' doża baxxa wisq ta' metadon jew ta' buprenorfina.

L-interventi sabiex jintlaħqu l-utenti li jkollhom il-problema tal-kokaina u li jkunu integrati fis-soċjetà, u l-utenti tal-crack li jkun emarġinati, jirrappreżentaw sfida wkoll. Proġett pilota Irlandiż reċenti wera li l-problema li l-utenti tal-kokaina ma tantx riedu jattendu programmi orjentati għall-opiojdi tista' tingħeleb billi jiġi pprovdot aċċess speċjali fil-għaxxijiet jew immedjatament qabel jew wara tmiem il-ġimgħa. Fil-każ ta' l-utenti tal-crack u l-popolazzjonijiet emarġinati ta' l-utenti tad-drogi, jeħtieġ li jingħataw prijorità ogħla l-interventi barra mill-kliniki għat-tnaqqis tal-ħsara lill-utenti, flimkien ma' referenza għas-servizzi.

**Objettiv droga** hija serje ta' rapporti politiċi ppubblikati miċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (EMCDDA), li għandu s-sede tiegħu f'Lisbona. Dawn ir-rapporti huma ppubblikati sitt darbiet fis-sena, fl-23 lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni, u bin-Norveġiż u Tork. Il-lingwa oriġinali hija l-Ingliš. Il-kontenut tagħhom jista' jiġi riprodott basta li s-sors jingħata rikonoxximent.

Għal abbonament mingħajr ħlas, ikkuntattjawna permezz ta' l-e-mail: [publications@emcdda.europa.eu](mailto:publications@emcdda.europa.eu)

Rua da Cruz de Santa Apolónia 23-25, P-1149-045 Lisbona, Portugal

Tel. (351) 218 11 30 00 • Fax (351) 218 13 17 11

[info@emcdda.europa.eu](mailto:info@emcdda.europa.eu) • <http://www.emcdda.europa.eu>

## Konklużjonijiet u konsiderazzjonijiet tal-politika

1. **Strateġiji speċifiċi indirizzati lejn l-użu tal-kokaina jew tal-crack cocaine għandhom jiġu żviluppati f'oqsma fejn l-estensjoni tal-problema, bħal f'xi pajjiżi u bliet Ewropej, teħtieġ tweġiba uniformi. F'postijiet oħra, il-politika kontra d-droga għandha tindirizza d-diversità dejjem tikber tal-mudelli u tal-bżonnijiet ta' l-utenti li għandhom il-problema tad-droga.**
2. **Jeħtieġ li jiġu żviluppati strateġiji għall-prevenzjoni u għat-tnaqqis tal-ħsara li hija relatata ma' l-użu tal-kokaina, b'mod partikolari informazzjoni dwar ir-riskji (kardjovaskolari, psikjatriċi, tossiċità elevata ta' xi forum ta' użu ta' polidrogi). Għandhom jiġu indirizzati kemm l-utenti okkażjonali u kemm l-utenti regolari tal-kokaina.**
3. **L-interventi sabiex jintlaħqu u jkunu meġhuna l-utenti bil-problema tal-kokaina li huma integrati fis-soċjetà jistgħu jiġu żviluppati billi jiġu addattati servizzi eżistenti, jew, f'xi każijiet, billi jiġu pprovduti servizzi ta' kura speċifiċi.**
4. **L-utenti tal-crack u popolazzjonijiet emarġinati oħra ta' utenti tad-drogi għandu jkollhom aċċess għall-interventi li jnaqqsu l-ħsara maħsuba sabiex jintlaħqu dawk li jużaw id-drogi, inkluż ir-referenza għas-servizzi.**
5. **Fl-oqsma kollha tal-kura għandha tingħata prijorità għolja lit-taħriġ fl-interventi psikosoċjali billi dan it-tip ta' intervent ta' l-aħjar riżultati. L-iskambju ta' l-għarfien u ta' l-aħjar prattika fost dawk li jaħdmu fil-kliniki u fost ħaddiema oħra li jaħdmu ma' dawk li jieħdu d-drogi għandu jiġi mħeġġeġ.**
6. **Għandha tiġi mħeġġa r-riċerka fuq l-interventi psikosoċjali u fuq aġenti farmaċewtiċi ġodda sabiex jiġu kkurati l-kljenti li huma dipendenti mill-kokaina. Hemm ukoll bżonn urġenti sabiex jinftiehem aħjar l-użu tal-polidrogi li jinvolvu l-kokaina, il-varjanti multipli u l-konsegwenzi tagħhom.**

## Sorsi ewlenin

**EMCDDA (2007)**, *Treatment of problem cocaine use – a review of the literature*, Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Drogi u tad-Dipendenza mid-Droga, (*European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction*), Lisbona.

**EMCDDA (2007)**, *Annual report 2007: selected issue on cocaine*, Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Drogi u tad-Dipendenza mid-Droga (*European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction*), Lisbona.

**Decorte, T. (2000)**, *The taming of cocaine: cocaine use in European and American cities*, VUB University Press, Brussell.

**Horgan, J. (2007)**, *An overview of cocaine use in Ireland*, Kumitat Konsultattiv Nazzjonali dwar id-Drogi (*National Advisory Committee on Drugs*) u Tim Strateġiku Nazzjonali dwar id-Drogi (*National Drugs Strategy Team*), Dublin.

**Kraus, L. et al (2004)**, *Epidemiologie, Prävention und Therapie von Kokainkonsum und Kokainbezogene Störungen: Eine Literaturübersicht*, IFT-Berichte Bd.144, München.

**Pascual, F., Torres, M. u Calafat, A. (2001)**, *Monografía Cocaína, Adicciones* vol. 13, suplemento 2, Plan Nacional Sobre Drogas, Madrid.

**Prinzleve, M. et al (2004)**, *Cocaine use in Europe – a multi-centre study: patterns of use in different groups*, Riċerka Ewropea fuq il-Vizzji (*European Addiction Research*) Numru 10, 2004, pp.147-155.

**Weaver, T. et al (2007)**, *National evaluation of crack cocaine treatment and outcome study (NECTOS): a multi-centre evaluation of dedicated crack treatment services*, Aġenzija Nazzjonali għall-Kura mill-Użu Ħażin tas-Sustanzi (*National Treatment Agency for Substance Misuse*), NHS, Londra.

## Informazzjoni fuq l-internet

Il-profil tad-drogi ta' l-EMCDDA: il-kokaina u l-crack:

<http://www.emcdda.europa.eu/index.cfm?nnodeid=25482>

Istitut Nazzjonali fuq l-Abbuż tad-Drogi (*National Institute on Drug Abuse*): fatti u informazzjoni fuq il-kokaina:

<http://www.nida.nih.gov/Infofacts/cocaine.html>



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
[Publications.europa.eu](http://Publications.europa.eu)

**PUBBLIKATUR UFFIĊJALI:** Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

© Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Drogi u tad-Dipendenza mid-Droga, 2007

**DIRETTUR:** Wolfgang Götz

**EDITUR:** Peter Thomas

**AWTURI:** Frank Zobel, Roland Simon

**KUNĊETT GRAFIKU:** Dutton Merrifield Ltd, Renju Unit

Printed in Belgium